Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0147

Il-preservazzjoni tal-memorja tal-vittmi tal-perjodu Komunista ta’ wara l-gwerra fis-Slovenja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2025 dwar il-preservazzjoni tal-memorja tal-vittmi tal-perjodu Komunista ta’ wara l-gwerra fis-Slovenja (2025/2575(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu, li jsostni r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u r-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti relatati,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1481 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, tas-26 ta’ Jannar 2006, dwar il-ħtieġa ta’ kundanna internazzjonali tad-delitti tar-reġimi totalitarji Komunisti,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Praga dwar il-Kuxjenza Ewropea u l-Komuniżmu, tat-3 ta’ Ġunju 2008, li tappella għall-kundanna fil-livell Ewropew tad-delitti tal-Komuniżmu, u l-edukazzjoni dwarhom,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tat-23 ta’ Settembru 2008 dwar il-proklamazzjoni tat-23 ta’ Awwissu bħala l-Jum Ewropew ta’ Tifkira għall-Vittmi tal-Istaliniżmu u tan-Nażiżmu[1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Vilnius tal-OSKE ta’ Lulju 2009 li tikkundanna t-totalitariżmu u li tappoġġja l-Jum Ewropew ta’ Tifkira għall-Vittmi tal-Istaliniżmu u tan-Naziżmu,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta’ April 2009 dwar il-kuxjenza Ewropea u t-totalitarjaniżmu[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Diċembru 2010 bit-titolu “Il-memorja tad-delitti mwettqa minn reġimi totalitarji fl-

1 ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 57.
2 ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 25.

Ewropa” (COM(2010)0783),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta’ Settembru 2019 dwar l-importanza tat-tifkira tal-istorja Ewropea għall-ġejjieni tal-Ewropa[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta’ Jannar 2024 dwar kuxjenza storika Ewropea[2],

– wara li kkunsidra l-petizzjoni Nru 0718/2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 233(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-istorja Ewropea, fil-kumplessità kollha tagħha, għandha tiġi rrispettata u indirizzata permezz ta’ djalogu oġġettiv, inklużiv u bbażat fuq l-evidenza li jippromwovi l-fehim u r-rikonċiljazzjoni u li għandu jitwettaq minn storiċi professjonisti u li ma jkunx soġġett għal influwenza politika;

B. billi l-preservazzjoni tal-memorja tal-passat traġiku tal-Ewropa u t-tifkira tal-vittmi kollha tar-reġimi totalitarji u awtoritarji hija essenzjali biex tiġi onorata d-dinjità ta’ dawk il-vittmi, jiġu promossi r-rikonċiljazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u titrawwem kultura ta’ paċi u rispett reċiproku;

C. billi l-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-kuxjenza Ewropea u t-totalitariżmu u minn dejjem kien impenjat li jippreserva l-memorja tal-vittmi tar-reġimi totalitarji kollha;

D. billi d-delitti kommessi matul it-Tieni Gwerra Dinjija fis-Slovenja u f’repubbliki oħra ta’ dik li qabel kienet il-Jugoslavja ma jridu jintesew qatt;

E. billi wara t-Tieni Gwerra Dinjija, aktar minn 100 000 resident Sloven li rreżistew is-sistema Komunista u r-repressjoni ideoloġika tagħha kienu vittmi ta’ vjolenza f’diversi forom; billi dawn l-atti kienu jikkostitwixxu ksur gravi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-ħajja, il-proċess ġust u d-dfin dinjituż;

F. billi għexieren ta’ eluf ta’ ċivili u priġunieri tal-gwerra ġew maqtula b’mod ekstraġudizzjarju mir-reġim Komunista tal-Jugoslavja fis-Slovenja; billi biss biss fl-1945, eluf ġew ġustizzjati eżatt wara li spiċċat il-gwerra;

G. billi l-Kummissjoni tal-Gvern Sloven dwar l-Oqbra tal-Massa Moħbija identifikat aktar minn 750 post ta’ oqbra moħbija, u żvelat sforz sistematiku biex jinħbew dawn id-delitti, madankollu l-postijiet tal-

---

1 ĠU C 171, 6.5.2021, p. 25.
2 ĠU C, C/2024/5721, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5721/oj.

eżekuzzjoni ma nstabux u l-vittmi ma ġewx midfuna kif xieraq;

H. billi l-oqbra tal-massa ġew mgħottija għal għexieren ta’ snin u d-diskussjoni pubblika dwar dawn id-delitti kienet strettament ipprojbita taħt ir-reġim totalitarju, u b’hekk ġiet moħbija l-verità storika u ġie mfixkel il-proċess ta’ rikonċiljazzjoni;

I. billi l-Gvern Sloven abolixxa l-Jum Nazzjonali ta’ Tifkira għall-vittmi tal-vjolenza Komunista fl-2023, li jirrappreżenta pass lura gravi fl-isforzi biex jiġu żgurati l-ġustizzja storika, ir-rikonċiljazzjoni u r-rispett tal-vittmi;

J. billi l-istorja Ewropea għandha tiġi mfakkra u diskussa b’mod oġġettiv, u billi l-vittmi tal-massakri Komunisti fis-Slovenja għalhekk jistħoqqilhom li jitfakkru u jiġu rispettati; billi r-rispett għall-memorja storika tal-vittmi tar-reġimi totalitarji kollha jikkontribwixxi għall-bini ta’ soċjetà ġusta u demokratika;

K. billi l-Assemblea Nazzjonali Slovena għaddiet liġi f’Diċembru 2024 li tipprojbixxi l-użu ta’ simboli tan-Naziżmu, tal-Faxxiżmu u tal-organizzazzjonijiet kollaborazzjonisti tagħhom fit-Tieni Gwerra Dinjija, iżda mhux is-simboli tal-Komuniżmu;

L. billi l-kampijiet tax-xogħol furzat kienu jeżistu fir-repubbliki kollha ta’ dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava; billi dawn il-kampijiet intużaw mir-reġim totalitarju Komunista fil-pajjiż bħala għodda biex titrażżen l-oppożizzjoni politika kollha;

1. Huwa tal-fehma li l-memorja tad-delitti kommessi mir-reġimi totalitarji għandha tifforma parti mill-memorja kollettiva li ssawwar l-istorja Ewropea moderna; jirrikonoxxi d-delitti kommessi mir-reġimi totalitarji tan-Nazisti, tal-Faxxisti u tal-Komunisti u r-rwol li kellhom dawn id-delitti fit-tiswir tal-perċezzjonijiet storiċi fl-Ewropa;

2. Jissottolinja l-importanza li jiġu inklużi fatti storiċi fil-programmi edukattivi u fil-kotba tal-istorja biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ jifhmu l-importanza tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem;

3. Jafferma mill-ġdid il-kundanna tiegħu tal-forom kollha tat-totalitariżmu u tal-awtoritariżmu, inkluż il-Komuniżmu, f’konformità mar-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-memorja storika u d-drittijiet tal-bniedem;

4. Jafferma mill-ġdid li d-delitti kontra l-umanità ma għandhom l-ebda preskrizzjoni u għandhom jiġu ġġudikati u ttrattati skont l-istess parametri; jafferma mill-ġdid il-kundanna inekwivokabbli tiegħu tar-reviżjoniżmu u l-glorifikazzjoni storika tal-kollaboraturi Nazisti u ta’ atturi oħra taż-żmien tal-gwerra responsabbli mill-atroċitajiet matul u wara t-Tieni Gwerra Dinjija, inkluża t-trivjalizzazzjoni tad-delitti mwettqa mir-reġimi Nazisti u Faxxisti u l-alleati tagħhom, kif ukoll l-azzjonijiet tal-forzi kollaborazzjonisti u tal-awtoritajiet Komunisti

Jugoslavi; itenni l-importanza ta' tifkira storika preċiża u inklużiva li tirrikonoxxi l-iskala sħiħa tal-vjolenza totalitarja; jenfasizza r-responsabbiltà morali li tiġi ppreservata l-memorja tal-vittmi innoċenti kollha tar-reġimi totalitarji u awtoritarji fi spirtu ta' rikonċiljazzjoni, ta' verità u ta' valuri demokratiċi, filwaqt li jiġi rrifjutat kwalunkwe sfruttament tal-istorja għal gwadann politiku u jiġi mħeġġeġ l-impenn akkademiku kontinwu fil-konfront ta' dan il-wirt kumpless;

5. Jappella għall-preservazzjoni tal-memorja tal-vittmi innoċenti kollha tar-reġim Komunista fis-Slovenja, mill-bidu sal-waqgħa tiegħu;

6. Jissottolinja l-importanza tal-ħidma ddedikata li qed issir dwar l-iżvelar sħiħ tal-fatti storiċi, u l-kontinwazzjoni tal-missjoni investigattiva uffiċjali biex jiġu skoperti s-siti tal-oqbra tal-massa fis-Slovenja sabiex tiġi ddokumentata u vverifikata l-evidenza storika tad-delitti kommessi;

7. Jenfasizza li ħafna minn dawk li kienu responsabbli mid-delitti ta' wara l-gwerra ma kellhomx jagħtu kont ta' għemilhom;

8. Jemmen li l-vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija u tar-rappreżalji vjolenti ta' wara l-gwerra min-naħa tal-awtoritajiet Komunisti Jugoslavi fis-Slovenja jeħtiġilhom jiġu midfuna kif suppost u b'dinjità; jistieden lill-awtoritajiet Sloveni jkomplu jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex jiggarantixxu d-dritt universali għad-dfin, u jżommu istituzzjonijiet kapaċi jikkontribwixxu għal fehim tal-ġrajjiet storiċi bbażat fuq studji u l-evidenza;

9. Josserva li l-Istati Membri waqqfu mfakar biex jikkommemoraw l-atroċitajiet tar-reġimi totalitarji; jistieden lill-awtoritajiet Sloveni jkomplu jinvestigaw l-oqbra moħbija, iwettqu difniet dinjitużi u jistabbilixxu siti kommemorattivi biex iżommu ħajja t-tifkira għall-ġenerazzjonijiet futuri;

10. Itenni li l-jum uffiċjali ta' tifkira għall-miljuni ta' vittmi tar-reġimi totalitarji, magħruf bħala l-Jum Ewropew ta' Tifkira għall-Vittmi tar-Reġimi Totalitarji u Awtoritarji Kollha, huwa t-23 ta' Awwissu;

11. Jisħaq fuq l-importanza li tinżamm ħajja l-memorja tad-delitti kommessi mir-reġimi totalitarji, peress li ma jista' jkun hemm l-ebda rikonċiljazzjoni mingħajr tifkira; ifakkar li l-politiki kommemorattivi jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u għalhekk ma jaqgħux fl-ambitu tad-dritt tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jappoġġjaw b'mod attiv proġetti politiċi kommemorattivi li jrawmu r-rikonċiljazzjoni aktar milli l-firda jew l-istrumentalizzazzjoni politika;

12. Ifakkar li l-Kummissjoni qed tipprovdi finanzjament fl-ambitu tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri biex tappoġġja azzjonijiet kommemorattivi u proġetti ta' riċerka u edukazzjoni li jirriflettu fuq il-kawżi tar-reġimi totalitarji, b'mod

partikolari tan-Naziżmu, iżda wkoll tal-Faxxiżmu, tal-Istaliniżmu u tar-reġimi Komunisti, u biex tfakkar il-vittmi tad-delitti tagħhom;

13. Jemmen li Jum Nazzjonali ta' Tifkira fis-Slovenja għandu jfakkar lill-vittmi tar-reġimi awtoritarji u totalitarji, inkluż il-Komuniżmu, biex tiġi rrispettata l-ġustizzja storika u jingħata kontribut għar-rikonċiljazzjoni;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-programm relatat mat-tifkira storika filwaqt li tqis it-traġedji kollha, tappoġġja proġetti fl-Ewropa kollha li jindirizzaw l-istorja tad-delitti totalitarji, tħeġġeġ it-tifkira u sservi għar-rikonċiljazzjoni; itenni li d-delitti tar-reġim Komunista totalitarju Jugoslav mhumiex limitati għas-Slovenja u li kien hemm vittmi mir-repubbliki ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja u mir-reġjuni awtonomi kollha;

15. Jappella għal eżami komprensiv tal-arkivji tas-servizzi sigrieti tal-Jugoslavja, b'mod partikolari l-KOS u l-UDBA;

16. Jissottolinja li r-reġimi totalitarji kollha għandhom jiġu kkundannati u li s-simboli tagħhom ma għandhomx jiġu promossi;

17. Jistieden lis-Slovenja u lill-Istati Membri l-oħra jagħmlu ħilithom biex isaħħu l-memorja storika, il-fehim reċiproku u r-rikonċiljazzjoni bbażati fuq il-verità u r-rispett tal-vittmi kollha tar-reġimi totalitarji;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Gvern u lill-Parlament tas-Slovenja kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri l-oħra.